ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 15/12**
***Kontinwazzjoni tas-Seduta tat-22 ta' Novembru 2012.***
***Kienet addottata Aġenda nru. 10/2012.***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 27 ta' Novembru 2012**

**Ħin: Fil-11.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Għall-ewwel parti tal-laqgħa, kien preżenti s-Sur Tony Coleiro. Is-Sur Coleiro kellem lill-Kunsill dwar il-proġett tiegħu fejn ser jagħti promozzjoni l-villaġġi kollha t' Għawdex. Is-Sur Coleiro talab biex il-Kunsill jgħaddilu lista ta' siti ta' interess, tradizzjonijiet u xi snajja fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

Il-Viċi Sindku ta rendikont tal-proġett Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat Memo 49/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema inizzjattivi sportivi 2013. Il-Kunsill qabel li japplika minn din l-Iskema għall-klassijiet tal-*aerobics*.

## 7. MILIED 2012

Għall-festi tal-Milied u tal-ewwel tas-sena, il-Kunsill qabel li:

- jistampa kalendarju bix-xogħlijiet tiegħu.
- jorganizza ħarġa f' Għawdex għal kulħadd nhar il-21 ta' Diċembru fit-3.30pm. Tingħata tifkira lit-tfal kollha.
- ssir ikla tal-Milied għall-Kunsill, il-Kumitat Amministrattiv u l-istaff tal-Kunsill.

Is-Sindku qal grupp ta' voluntiera ngħaqdu biex għal żmien il-Milied jagħmlu *christmas log* kbir u l-qliegħ mill-bejgħ tiegħu jmur għal Puttinu Cares f' Għawdex. Is-Sindku qal qed jitolbu biex il-Kunsill jara kif jista' jakkwista tinda għal ġol-pjazza għal din l-attivita'.

## 9. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment 61/2012 – Leli Camilleri
Issuġġerixxa li jinbidel il-post tal-*parking bay* tal-persuni b' diżabilita' fi Pjazza l-Assunta u minflok isir mal-ġenb taz-zuntier, in-naħa ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

Ilment 63/2012 – il-Kunsillier Joe Camilleri
Biex ikun diskuss il-każ tal-*mobile phone* tal-eks Sindku Carmelo Saliba.

Ilment 64/2012 – is-Sindku Nicky Saliba
Għandu talba biex jinbena ħajt tat-triq u apramorta fi Triq Wied l-Abjad. Is-Sindku kien se jkellem lil tas-CMU dwar it-talba.

Ilment 65/2012 – Alfred Saliba
Tiswija tal-kurduna tal-bankina ta' quddiem ir-residenza 'St Paul Hse', Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Is-Sindku qal il-kurduna ta' dik il-bankina kienet tranġat.

Ilment 66/2012 – is-Sindku
Isiru żewġ bankijiet fi Triq iż-Żebbuġ. Il-Kunsill approva li jsiru żewġ bankijiet bla dahar.

Ilment 67/2012 – il-Kunsillier Joe Camilleri
Għandha tingħata protezzjoni mill-Pulizija lit-tfal li jattendu l-Museum waqt il-ħin tal-ħruġ tagħhom mill-Museum (bejn il-5.30pm u s-6.00pm). Ġie deċiż li ssir talba lis-Supritendent tal-Pulizija u tkun ikkupjata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ilment 68/2012 – Ġeraldu Axiaq
Talab biex isir xogħol ta' traqqiegħ quddiem il-*boathouses* fil-Bajja tax-Xwejni. Ix-xogħol kien approvat mill-Kunsill.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva li l-*vacation leave* għall-2012 tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill li ma jilħaqx jittieħed sal-aħħar tas-sena jkun imġedded għall-2013.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-1.45pm. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |